MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 953/2011

**Suor Carmela *sive* Carmen Sammut**

**-vs-**

**Direttur Tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-4 ta' Ottubru 2011 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

1. Illi hija twieldet fit-13 ta' Frar, 1949 minn Salvatore Sammut u martu Maria Anna xebba Attard.

2. Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti maħruġ mir-Reġistru Pubbliku bin-numru wieħed sitta wieħed tlieta (1613) tas-sena 1949 anness u mmarkat Dok A, l-isem tagħha fil-kolonni "Isem il-Wild" isem ir-rikorrenti jidher bħala "Carmela".

3. Illi l-isem magħżul għaliha mill-ġenituri tagħha ma kienx pero’ Carmela iżda “Carmen”.

4. Illi tant hu hekk li minn meta twieldet ir-rikorrenti, hija dejjem kienet magħrufa u msejħa bl-isem “Carmen” u qatt ma wżat l-isem “Carmela”.

5. Illi dan kollu jidher u huwa evidenti minn diversi dokumenti annessi fosthom dokument uffiċjali bħalma hu l-passaport tar-rikorrenti (kopja hawn annessa u mmarkata Dok B) u minn dokumenti oħra kopja ta’ liema huma qed jiġu annessi u mmarkati Dok C – D u kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

6. Illi tali inkonsistenza kkawżat u qed tikkawża diffikultajiet prattiċi lir-rikorrenti, u l-esponenti tixtieq illi ċ-Ċertifikat tat-Twelid tagħha jirrifletti l-istat attwali.

7. Illi r-rikorrenti għandha interess skond il-liġi, *inter alia ai termini* tal-Artikolu 253 tal-KAp 16, li jsir id-debitu tibdil u annotazzjoni.

Għaldaqstant in vista tas-suespost, din l-Onor Qorti qed tiġi mitluba sabiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportun, inkluż billi tordna l-opportuna pubblikazzjoni ta’ avviż *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16, jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-isem li bih ir-rikorrenti hija konsistentement magħrufa u msejħa huwa “Carmen” u mhux “Carmela”;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, huwa jibdel u jikkoreġi l-Att tat-Twelid minnu maħruġ, bin-numru wieħed sitta wieħed tlieta (1613) tas-sena elf disa’ mija disgħa u erbgħin (1949), fis-sens illi fil-kolonna intestata “Isem il-Wild” l-isem “Carmela” jiġi sostitwit bl-isem “Carmen”;

3. Tordna li ssir annotazzjoni fl-att ta’ twelid bin-numru wieħed sitta wieħed tlieta (1613) tas-sena 1949 tar-

rikorrenti fis-sens li din hija magħrufa bl-isem ta’ Carmen u mhux Carmela.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur Reġistru Pubbliku preżentata fit-12 ta’ Ottubru 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b’ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gażżetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimeti ruħu għad-deċizjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti salv pero’ li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f’għajnejn il-liġi;

3. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrenti stess, Salvatore Sammut, li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti bin-numru tar-reġistrazzjoni 1613 tas-sena 1949 (Dok A) u kien anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qedgħa tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum stess li permezz tiegħu l-kawża ġiet posposta għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi peress li t-talba attriċi jirriżulta li hija ġustifikata;

**Tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi.**

**Fuq talba attriċi t-terminu tal-appell qed jiġi akkorċjat għal ġurnata waħda biss.**

**L-ispejjeż ikunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------